**Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù**
Dar Ġenerali
Via Edmondo De Amicis, 18
00040 - Santa Maria delle Mole, Marino *(Ruma, l-Italja)*
*Tel:* 06.93543037 *Fax:* 06.93540730
*Email:* madre.gen@franccj.com
*Website:* www.franccj.com

Prot. N. 30/2023 22 ta' Ġunju 2023

**Ċirkulari N. 30**

## INĦABBRU L-100 ANNIVERSARJU MILL-MEWT TAL-FUNDATUR TAGĦNA DUN ĠUŻEPP DIACONO



*"Filwaqt li nixtieq, o maħbubin erwieħ fil-Mulej, li narakom ilkoll perfetti f 'għaqda bejnietkom u wkoll mal-proxxmu tagħkom u, għaliex naf li l-umiltà tista' twassal għal dan, nirrikkmandalkom il-ħarsien ta' din qabel kull ħaġa oħra. Iva, kunu umli, nitlobkom b'ħerqa kbira, umli fil-qalb, umli fis-sentimenti, umli f 'kull imġieba, umli ma' kulħadd u kullimkien, għaliex jekk tagħmlu dan timtlew mingħajr ma tindunaw bil-ġid tas-sema u b'edifikazzjoni mill-iżjed kbira, u għalhekk tkunu ta' vantaġġ qawwi għall-oħrajn.*

(Mill-Kitbiet ta' Dun Ġużepp Diacono)

Għeżież Superjuri provinċjali, reġjonali, lokali u Sorelli,
il-paċi tal-Mulej Ġesù ssaltan fil-qlub tagħna lkoll.

***L-iskop ta' din iċ-Ċirkolari tiegħi hu li fit-22 ta' Lulju 2023, nagħtu bidu għal sena ta' tħejjija biex flimkien niċċelebraw iċ-Ċentinarju tal-mewt tal-Fundatur Dun Ġużepp Diacono fit-22 ta' Lulju 2024.***

Kien Dun Ġużepp Diacono li ta bidu għall-Kongregazzjoni tagħna. Niftakru għalhekk li kieku ma kienx hemm dan l-ewwel nukleju, aħna llum ma neżistux.

Nistieden lis-Superjuri provinċjali, reġjonali u lokali biex jaħsbu, kulfejn jinsabu, biex jipprogrammaw u jorganizzaw il-ftuħ ta' din is-sena biex il-bidu ta' din is-sena iħalli sinjal li jidher. Inħalli f'idejkom kif tippreparaw dan il-mument storiku, prezzjuż u sinifikattiv.

Bħall-Venerabbli Madre Margherita, Dun Ġużepp Diacono, għandu tant x'jgħallimna bid-doni u l-qdusija ta' ħajtu.

Nagħtu glorja lil Alla għal dan is-sinjal li ħalla Dun Ġużepp Diacono fi ħdan il-Kongregazzjoni tagħna, meta ħalla fl-ewwel Sorelli tagħna l-isbaħ virtujiet li Alla għoġbu jagħnih bihom.

Matul din is-sena, kull waħda minna, ulied il-maħbuba Kongregazzjoni, timpenja ruħha biex issib iż-żmien biex tistudja fil-fond il-kitbiet tiegħu u minn ħajtu mmarkata mill-imħabba kbira lejn Alla u lejn l-aħwa, tislet tagħlim u atteġġjamenti ta' ħajja spiritwali, fil-missjoni u fl-apostolat fejn ir-rieda t'Alla qegħditna biex naħdmu għas-Saltna Tiegħu.

Hu ħabb ħafna il-Kongregazzjoni tagħna u fittex li jieħu ħsieb tajjeb lill-ewwel Sorelli u huma komplew miegħu, ħabbew u taw widen għat-tagħlim tiegħu, ibda mill-Venerabbli Fundatriċi tagħna Madre Margherita.

Imħeġġin mill-eżempji tagħhom, aħna wkoll nagħmlu kuraġġ u nimpenjaw ruħna biex nimxu fuq it-tagħlim u l-pariri tiegħu ta' missier tassew spiritwali ta' kull waħda minna.
Tassew għaddew ħafna snin imma nfittxu li naddattaw l-ispiritwalità u t-tagħlim tiegħu għaż-żminijietna u għas-sinjali tal-lum kif qegħdin ngħixuhom fil-Kongregazzjoni tagħna.

Nagħlaq bl-istess kliem ta' Dun Ġużepp Diacono:

*"Għalhekk, għeżież Sorelli f 'Ġesù Kristu, agħmlu l-kuraġġ u kunu lesti ġġarrbu bis-sħiħ għal Dak li għalikom bata mhux darba biss fuq is-salib, iżda kuljum iġedded dan*

*is-sagrifiċċju fuq l-altari, fil-waqt li joffri fl-istess ħin lilu nnifsu għall-għajxien ta' ruħkom."*

(Mill-Kitbiet ta' Dun Ġużepp Diacono)

Magħquda mal-Membri tal-Kunsill ġenerali, insellmilkom ilkoll u flimkien nibdew bil-kuraġġ it-tħejjija biex niċċelebraw denjament u bi profitt spiritwali dan l-avventiment tant importanti għalina u għall-Kongregazzjoni tagħna.

Magħquda fit-talb,

Oħtkom fi Kristu,

Sr. Vitaliana Zammit
Superjur Ġenerali